VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,368, 17 ta' Marzu, 2020
Taqsima B

A.L.76 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku.

Għeluq ta' postijiet miftuħa għall-pubbliku.

2. Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'dan tordna l-għeluq kollu tal-bars, ristoranti, kafetteriji, *snack bars*, kiosks, swali taċ-ċinema, *gymnasiums*, mużewijiet, esebizzjonijiet, klabbs, diskoteki, *night clubs*, swieq fil-beraħ, pixxini ta' ġewwa, pixxina nazzjonali, fond għal-logħob inkluż fond għal-logħob ikkontrollat, swali tat-tombla, każinòs, ħwienet tal-logħob, banek tal-lottu, u ħwienet tal-imħatri:

Iżda ristoranti, snack bars u kiosks għandhom ikomplu jipprovdu s-servizzi ta' *delivery* u *take-away* lill-komunità u r-ristoranti li jinsabu ġewwa lukandi għandhom ikomplu jipprovdu servizz fil-kamra lill-alloġġjanti f'lukanda u servizz ta' *delivery* fil-komunità:

Iżda wkoll is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika tista', b'avviż fil-Gazzetta, tordna l-għeluq ta' postijiet oħra miftuħa għall-pubbliku.